MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Numru. 689/2010

**Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Joseph Agius)**

**vs**

**Gordon Dimech**
**Christian Tanti**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Gordon Dimech ta' 33 sena, iben Samuel u Anne nee' Cucciardi, mwieled Pieta' fl-01 ta' Gunju 1977, residenti gewwa 56, "San Gejtanu", Triq San Gwann, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 300577(M) u l-imputat Christian Tanti ta' 24 sena, iben Marcellino u Carmen Mary nee' Magri, mwieled Pieta' fl-20 ta' Dicembru 1985, residenti gewwa 29, "Santa Rita", Triq Pawlu Saliba, Hamrun u detentur tal-karta tal-

identita' bin-numru 29486(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Gewwa l-Hamrun, nhar l-04 ta' Lulju 2010, bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00 hrs) u it-tmienja neqsin ghaxar minuti ta' filghaxija (19:50hrs), rrendew ruhhom komplici fis-serq minn gewwa residenza numru 158, 'Massabielle' sitwata fi Triq il-Vitorja, Hamrun li hija residenza ta' Domenic Demicoli, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (Eur 2329.37), u bil-lok;

Rrendew ruhhom recidivi ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabu hatja b'sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Lil Gordon Dimech wahdu akkuzat ukoll talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikoli;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 25 ta' Lulju, 2012 (esebita a fol. 252 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

FIR-RIGWARD TA' GORDON DIMECH BISS :

a. Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

FIR-RIGWARD TA' CHRISTIAN TANTI BISS :

a. Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 278(1)(2)(3),279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta' Settembru 2012 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw serqa li saret fl-4 ta' Lulju 2010 bejn 5.00pm u 19.50pm mill-fond Massabielle, Tirq il-Vitorja, Hamrun ghad-detriment ta' Domenic Demicoli. Min dahal f'din id-dar b'mod mhux awtorizzat qala' minn mal-hajt safe li kien mohbi wara gwardarobba fil-kamra tas-sodda, sgassah u ha l-ammont ta €18,000 in kontanti kif ukoll oggetti tad-deheb li l-valur taghhom kien ta' €1631. Fil-fond ma kienx hemm sgass u min dahal uza c-cavetta u kien hemm taqlib fil-kamra tas-sodda biss, u cioe' fil-kamra fejn kien jinstab dan is-safe. Intuza chaser sabiex jinqala' s-safe minn mal-hajt u nstab l-extension relattiv ghadu fuq il-post. Peress li min dahal fid-dar uza c-cavetta l-Pulizija kellha suspetti fit-tifel tal-vittma Josef Demicoli anki ghaliex l-istess vittma ndikalhom li kellu suspett f'ibnu u wkoll ghaliex dan kellu precedenti kriminali fejn kien involut f'serq. Meta Josef Demicoli gie nterrogat mill-Pulizija dan qal li kien gie avvicinat mill-imputat Christian Tanti fejn staqsieh jekk missieru kellux safe id-dar u huwa rrisponda fl-affermattiv u spjegalu fejn kien jinsab is-safe. Josef Demicoli kompla qal lil Pulizija li sussegwentement l-imputati Christian Tanti u Gordon Dimech pruvaw jisvijawh u jehdulu c-

cavetta tad-dar izda mbaghad xi jiem wara Christian Tanti talbu c-cavetta sabiex jidhlu jisirqu mid-dar ta' missieru u weghdu li kien ser jaghtih €1,000. Josef Demicoli qal lil Pulizija li huwa kien ghadda c-cavetta tad-dar lil Tanti fil-presenza tal-imputat Gordon Dimech u sostna li dan tal-ahhar kien jaf b'kollox. Inoltre huwa qalilhom li Christian Tanti kien infurmah li huma kienu ser jghaddu c-cavetta lil haddiehor sabiex jeffetwa s-serqa peress li l-girien ta' Demicoli kienu jafuhom u setghu jgharfuhom. Meta l-imputati gew mitkellma mill-Puliziija huma cahdu dak kollu allegat minn Josef Demicoli.[1] Meta saru tfitxijiet fir-residenzi ta' Tanti u Dimech ma nstabux la l-flus u l-anqas id-deheb misruq. Il-Pulizija ma haditx proceduri fil-konfronti ta' Josef Demicoli minhabba li l-vittma ma xtaqx li jittiehdu proceduri fil-konfronti tieghu. Mix-xhieda ta' Domenic Demicoli rrizulta li kien hemm tlett kopji tac-cavetta tad-dar li wahda kien izommha hu, wahda martu u l-ohra ibnu l-kbir Christopher. Huwa inoltre spjega li martu gieli kienet taghti c-cavetta lil Josef sabiex ma toqghodx tinzel tiftahlu meta tkun fuq.

Josef Demicoli xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju 2010 fejn sostna li kien jaf lill-imputat Christian Tanti ghaliex dan kien jahdem flimkien ma' missieru f'garaxx li kellhom vicin id-dar tieghu. Huwa qal li gieli kien imur fil-garaxx ta' Tanti u jaqdi lil dan tal-ahhar u lil missieru billi jmur jixtrilhom xi affarijiet. Josef Demicoli spjega li Tanti kien qallu sabiex imur mieghu il-garaxx tal-imputat Gordon Diimech u huma marru hemm f'karozza hamra u pparkjaw barra l-bitha fejn Tanti qallu sabiex ihalli l-affarijiet tieghu (mobile, cavetta u sigaretti) fil-karozza u mbaghad huma dahlu fil-garaxx hdejn Dimech. Dejjem skond Josef Demicoli huwa f'xi hin mar fil-karozza sabiex igib is-sigaretti u dam ftit ghaliex induna li c-cavetta tad-dar tieghu ma kinitx hemm u meta staqsa lil Tanti u lil Dimech jekk kienux hadulu c-cavetta dawn irrispondew fin-negattiv. Demicoli qal li meta huwa mar id-dar rega' cempel lil Tanti u Dimech sabiex jistaqsihom ghac-cavetta u dawn qalulu li ma kienux haduhielu izda mbaghad xi ftit tal-hin wara Tanti cempillu u qallu sabiex jghaddi ghac-

[1] Ara stqarijiet minnhom rialxjati nseriti a fol. 40 sa 47 tal-atti processswali.

cavetta. Dan ix-xhud sostna li xi zmien wara l-imputat Tanti staqsih jekk missieru kellux safe u huwa rrispondih fl-affermattiv u meta staqsih ghalfejn ried ikun jaf Tanti rrisponda li ried din l-informazzjoni sabiex 'jidhlu' fid-dar ta' missier Demicoli u mbaghad Tanti talbu c-cavetta u huwa tahielu. Ix-xhud jghid li huwa ta c-cavetta lil Tanti fil-presenza ta' Dimech. Dejjem skond Demicoli l-imputat Tanti tah ic-cavetta lura wara madwar siegha u qallu li huma kienu ser jibghatu lil haddiehor sabiex jidhol fid-dar ghaliex altrimenti l-girien kienu jgharfuhom. Huwa spjega li fil-gurnata li saret is-serqa huwa kien mar Bahar ic-Caghaq fejn dam mis-2.00pm sat-8.00pm flimkien ma' ommu u ohtu u l-gharus taghha u waqt li kienu hemm qed jilghabu t-tombla kien ra lill-imputat Chrisitian Tanti vicin izda ma kellmux.

Iz-zewg imputati ghazlu li jixhdu f'dawn il-proceduri fejn ikkonfermaw dak li kienu qalu fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati fejn cahdu kategorikament li b'xi mod kienu komplici ma Josef Demicoli fis-serqa li saret fl-4 ta' Lulju 2010 u fejn huma wkoll kienu provdew alibi ta' fejn kienu dakinhar li saret is-serqa.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz iz-zewg imputati qed jigu akkuzati b'komplicita' fis-serqa in dizamina u l-Prosekuzzjoni qed tistrieh unikament fuq id-deposizzjoni ta' Josef Demicoli li minn dak li allega huwa stess jirrizulta komplici maghhom fis-serq. Ghal finijiet ta' dak li qed jghid Josef Demicoli ghalhekk iridu jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-artikoli 638 u 639(3) tal-Kodici Kriminali liema artikoli jipprovdu s-segwenti:-

*"638. (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*
*639(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ixxhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkuzat*."

Jinghad mill-ewwel li din il-Qorti li kellha l-opportunita' li tisma' lil dan ix-xhud jixhed viva voce quddiemha u rat il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda fejn huwa qal li ghadda c-cavetta tad-dar taghhom lil Tanti b'mod li qiesu ma gara xejn mal-ewwel kellha dubji dwar il-kredibilita' tieghu. Meta mbaghad din il-Qorti regghat qrat it-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu u hadet in konsiderazzjoni fatti ohra li jirrizultaw mill-atti processwali bhal per ezempju l-fatt li huwa ghandu precedenti ta' serq[2], bhall-fatt li missieru mal-ewwel indika li kellu suspett fih, jew inkella l-fatt li fil-mori ta' dawn il-prceduri huwa ghamel rapport lil Pulizija[3] li z-zewg imputati odjerni kienu tawh xebgha fejn huwa sostna griehi ta' natura gravi u mbaghad wara rrizulta li dan ir-rapport kien falz u fil-fatt ittiehdu proceduri kontra l-istess Josef Demicoli talli ghamel rapport falz fejn huwa ammetta u nstab hati ta' din l-akkuza, din il-Qorti dehrilha li ma setghatx abbazi tax-xhieda moghtija minn Josef Demicoli biss issib htija fil-konfronti taz-zewg imputati. Il-Qorti setghat inoltre tikkonstata li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni ma jirrizultax pruvat sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li Josef Demicoli kellu kopja tac-cavetta tad-dar u li huwa seta' ghalhekk jghaddiha lill-imputat Tanti sabiex dan jaghmel kopja u dan ghaliex missieru Domenic Demicoli jghid li huma qatt ma tawh kopja tac-cavetta u li dan kien jinghata c-cavetta biss meta ommu kienet tkun fuq u sabiex hija ma toqghodx tinzel tiftahlu u ghalhekk jidher li Josef Demicoli kien ikollu c-cavetta biss f'dawk il-mumenti li ommu kient titfahielu meta tkun fuq. Josef Demicoli inoltre indika li fil-hin meta saret is-serqa huwa kien Bahar ic-Caghaq ma' ommu u ohtu izda dawn iz-zewg persuni ma gewx prodotti bhala xhieda sabiex jikkonfermaw dan il-fatt jew sabiex jikkonfermaw dak allegat minn Josef Demicoli li anki huma kienu raw lill-imputat Christian Tanti fl-inhawi ta' Bahar ic-Caghaq dakinhar tas-serqa, qed jivverifika li huma kienu barra mid-dar. Il-Qorti setghat inoltre tinnota li mill-provi rrizulta li min dahal fid-dar sabiex jisraq mar dritt ghas-safe ghaliex

[2] Vide fedina penali teighu inserita a fol. 48 u 49 tal-atti processwali.
[3] Vide xhieda tal-Ispettur Sarah Magri a fol. 287 et sequitur.

kien hemm taqlib biss fil-kamra fejn kien jinsab dan is-safe u din hija indikazzjoni li kien jaf fejn kien u inoltre kien jaf li kellu bzonn juza chaser sabiex jaqla’ s-safe u li kellu bzonn extension tad-dawl. Seta’ jigi nnutat li Josef Demicoli fl-ebda hin ma qal li kien indika lil Tanti fejn kien is-safe jew tah xi nformazzjoni ohra dwar dak li kien hemm bzonn sabiex is-safe jinqala’ minn mal-hajt u jinfetah. Dawn il-fatturi kollha ghalhekk jindikaw li jekk din il-Qorti tezercita certu kawtela meta tiehu in konsiderazzjoni dak Ii qal Josef Demicoli fil-konfronti taz-zewg imputati zgur li ma tistghax tqies dak li qal bhala prova ghall-finijiet ta’ sejbien ta htija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------